**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 259/01</u>***

***Pulizija***
***Spettur Carmelo Magri***
***v***
***Salahedin Masoud Kmeda***

Illum 08 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali semplici tar-raza tal-cannabis u kif ukoll talli Dahhal din id-droga fil-konfini tal-Habs**.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-kwantita' tad-droga misjuba. Minn naha l-ohra ikkonsidrat is-segwenti fatturi attenwanti: il-fedina penali netta ta' l-imputat u l-amissjoni tieghu fi stat bikri tal-proceduri. Hadet ukoll in konsiderazzjoni it-tip tad-droga nvoluta.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u wara li rat ir-regolament 8 tal- GN 292/39 u l-artikoli 17 kap 9 artikoli 14 u 15 kapitolu 217 u l-artiklu 7 (2) kapitlu 260 u tikkundannah ghall-piena ***ta' prigunerija ghal zmien tmien***

***xhur u ghall-hlas ta' sebgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm27) spejjes tad-dokument MM***.

Illi in oltre tikkonsidra lill-imputat bhala imigrant ipprojbit u wara l-espijazzjoni tal-piena tordna ir-rimozzjoni tieghu minn dawn il-gzejjer.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***